MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 64

[Nhar il-Tlieta 31 ta' Lulju 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Joseph Galea – Kunsillier

**ASSENTI**

N/A

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

64.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sur Joseph Galea cempel qabel il-laqgha biex jghid illi kellu jerga jidhol l-isptar.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.2.1 B'referenza għal punt nru. 63.2.2 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għadu ma rċieva l-ebda konferma rigward il-Polyclinic.

64.2.2 B'referenza għall-punt nru. 63.4.1 il-Kunsill qal illi KFC għandom jirranġaw il-problema tagħhom minn ġewwa. Ma kienx hemm qbil fuq il-proposta tagħhom.

## 64.3 Korrespondenza mas-Sindku

64.3.1 Is-Sindku qara rapport dwar xogħolijiet neċessarji ħalli jsiru arranġamenti għall-uffiċju. Il-kunsilliera qablu mall-kunċett. Fil-laqgħa li jmiss se jiddiskutu l-BOQ's

64.3.2 Is-Sindku qal illi s-sur Anthony Chircop, is-Sindku ta' Tas-Sliema, kien tah xi idea rigward one-way systems ġodda bejn il-konfini tal-lokalitajiet. Għandu jiltaqa miegħu fuq il-proposti.

64.3.3 Belvedere/Cuschieri str.: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm problema zgħira għax għanda titwaħħal tabella izda l-handyman jaħseb illi hemm cables għaddejin minn taħt. B'hekk hemm bzonn detection. Spjega li għar-raġunijiet ta' sigurta hemm bzonn nagħmlu turning angle aħjar ġewwa Cuschieri rd. c/w Rue D'Argens. Is-Sindku ppropona li neqilbu l-parking ta' Cuschieri ħalli wieħed jevita li jdur minn blind corner. Il-Kunsill qabel.

64.3.4 Gżira Road: Is-Sindku qal illi WSC approvaw it-talba tiegħu ħalli jieħdu ħsieb ix-xogħolijiet ġewwa Gżira rd. Fuq dan il-punt il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa jekk ta' 14 East qegħdin jagħtu sehemhom. Is-Sindku qal illi le. Il-kunsillier Wayne Hewitt ippropona li nibagħtu ittra legali. Is-Sindku ssekonda l-proposta.

64.3.5 L-impjegat tal-Kunsill, is-sur Fabian Borg, qal illi l-MCST m'approvawx l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi għal PH1. Talab illi nappellaw id-deċiżjoni u għandna nħallsu l-ammont ta' €750. Jekk nirbħu l-appell nieħdu l-flus lura. Kien hemm qbil illi l-ħlas isir.

**Il-kunsilliera Graziella Schembri talbet illi tkun skużata fis-7pm. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv approvaw it-talba.**

## 64.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

64.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 64.5 Rapporti

64.5.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxxa ammont ta'garanzija fuq il-bankina:

Il-kunsilliera qablu li jiġu rilaxxati l-garanziji kollha.

64.5.2 **Tender Str. Cleaning:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-evaluators għażlu l-irħas offerta peress illi kien technically compliant ukoll. Żied illi jekk ma jkunx hemm appell, iridu nkunu ċerti li l-kuntrattur qed iħallas lill-impjegati kemm suppost.

64.5.3 **Manoel de Vilhena**: Is-Sindku spjega li ltaqa mall-Perit fejn il-Perit ta t-timeframes għall-proġett. Sal-aħħar t'Awissu għandu jibgħat l-ispecs u noħorġu t-tender. Peress illi dawn it-tip ta' tenders jinvolvu ħafna flus u hemm bzonn ħafna skrutinju biex ma jkunx hemm appelli, il-perit jemmen illi nkunu f'pożizzjoni biex nikkonfermaw ir-rebbieħ għall-aħħar ta' novembru. Jekk kollox imur sew nibdew il--proġett f'Diċembru. Il-perit qal illi dejjem hemm bzonn 6 sa 8 xhur izda s-Sindku jħoss illi għandom ilestu f'temp ta' 4 jew 5 xhur.

Is-Sindku żied illi tkellem hu mall-Ministru u l-Ministeru se jixtru l-porvido huma.

## 64.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

64.6.1 Tower Crane: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva proposta għat-Tower Crane ġewwa triq Reggie Millier c/w triq Luqa Briffa. Izda qal m'għandux id-dettalji kollha li talab biex nagħtu no objection.

64.6.2 Ġnien il-Kunsill: Is-Sindku spjega li hemm ħsieb illi jsir parking taħt il-ġnien. Min jieħu l-parking f'idejh għandu jieħu ħsieb ukoll ċerti spejjez għall-manutenzjoni tal-ġnien.

64.6.3 Green Schools: Is-Sindku spjega x-xewqa tiegħu li nagħmlu proġett ġewwa l-iskola primarja tal-Gżira fejn nibdew noħorġu b'inizjattivi ġodda li huma favur l-ambjent. Il-Kunsill qabel.

64.6.4 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi resident qegħdin jilmentaw peress illi rċevew multi għax ħarġu l-boroż taz-zibel kmieni, avolja kienu għadom l-4pm u l-5pm. Qal illi hemm bzonn infurzar filgħodu u mhux dawk il-ħinijiet. Is-Sindku fakkar illi l-Kunsill kien qabel illi jsir infurzar u qal ukoll illi l-ebda membru tal-Kunsill m'għandu jibgħat ir-residenti għandu ħalli jitkellem għalihom u ma jħallsux il-multi.
Żied ukoll illi fejn hemm flats għandom ikollhom kamera fil-komun ħalli nitolbu l-filmat biex naraw min qed joħroġ il-boroz minn dawn il-postijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm bzonn bye-law biex isir.

64.6.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti fakkar fuq iċ-Central Strip ta' Sliema rd. Is-Sindku għandu jirċievi l-go ahead mill-Go bil-miktub ħalli l-kuntrattur jieħu ħsieb ix-xogħol.

64.6.6 Il-Viċi Sindku Ralph Mangion talab illi jsiru tabelli bil-ħinijiet għal Alighting and Boarding li hemm ġewwa triq Ponsonby, kif ukoll triq Moroni. Il-ħinijiet għandom ikunu bejn 7am u 5pm. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi avolja dawn se jsiru, l-awtorita jagħtu permessi għal Alighting and Boarding 24/7 la dawn mhumiex l-istess bħal Un/Loading Bays.

64.6.7 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li jitneħħew 2 MC bays illi hemm ġewwa triq Giacint Tua. Dawn kienu saru peress illi sid ta' garaxx ma jkunx jista jara min hu tiela meta jipparkjaw karozzi hemmhekk. Il-Viċi Sindku qal illi xorta waħda qegħdin jipparkjaw karozzi.

64.6.8 Il-kunsillier Neville Chetcuti qal illi hemm RESERVED ġewwa Rue D'Argens illi għanda titneħħa. Għandu jibgħat l-indirizz.

64.6.9 Il-Viċi Sindku qal illi hemm min qed jilgħab futbol ġewwa Pjazza Meme Scicluna bil-lejl u anka min qed jixrob. Is-Sindku qal illi ltaqa ma' pulizija u qed jippropona li nibdew inħallsu pulizija ad hoc ħalli jibdew jduru dawra wara l-ħin tax-xogħol tagħhom ħalli jkun hemm izjed dixxiplina fil-lokalita. Il-Kunsill qabel mall-proposta.
Fuq l-istess punt il-Kunsill qabel illi nibagħtu applikazzjoni biex isir proġett fil-Pjazza li ssir fl-istess ħin illi jkun għaddej ix-xogħol fil-Polyclinic.

## 64.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

64.7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

64.7.2 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti tal-Petty Cash

## 64.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.8.1 Il-laqgħa intemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għat- 28 t' Awissu 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 28 t' Awissu 2018.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Segretarju Eżekuttiv